Kulleġġ Santa Tereża
PARVA PARVORUM PULCHRA

StudentBounty.com

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2013

IL-ĦAMES SENA STUDJI SOĊJALI ĦIN: 1 ¼ HR

Isem: ______________________________ Klassi: _____________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u kunjomok kif ukoll il-klassi. Taqlibx il-paġna qabel jgħidulek.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**A.** **Iz-ziju Lino li joqgħod il-Kanada ġie għall-vaganzi tas-sajf f'Malta. Matul iż-żjara tiegħu ħa bosta ritratti fl-<u>Imdina</u>, fil-<u>Birgu</u> u fiċ-<u>Ċittadella</u> t'Għawdex. Ħdejn kull ritratt ikteb wieħed minn dawn il-lokalitajiet biex tgħin liz-ziju Lino jirranġa r-ritratti skont il-lokalità. Ara l-eżempju:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 0 |  | 1 |  |
| | **<u>Il-Birgu</u>** | | |
| 2 |  | 3 |  |
| | | | |
| 4 |  | 5 |  |
| | | | |

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6 |  | 7 |   |
| | | | |
| 8 |  | 9 |  |
| | | | |
| 10 |  | | |
| | | | |

(10 X 1 marka = 10 marki)

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**B. Għid jekk is-sentenzi dwar it-tlett ibliet fil-Gżejjer Maltin humiex veru jew falz. L-ewwel waħda hi lesta bħala eżempju:**

| | | |
|---|---|---|
| **0.** | **L-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella huma tlett ibliet antiki fil-Gżejjer Maltin.** | **VERU** |
| 1. | It-tlett ibliet huma lkoll mibnija ħdejn il-baħar. | |
| 2. | It-toroq ta' dawn it-tlett ibliet huma wiesgħa. | |
| 3. | Lorenzo Gafà kien il-perit li ddisinja l-pjanti tal-Katidrali jew Knisja tagħhom. | |
| 4. | Il-Katidral taċ-Ċittadella għandu koppla għolja. | |
| 5. | It-tlett ibliet huma mdawrin bis-swar. | |
| 6. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur qiegħed l-Imdina. | |
| 7. | Il-Katidrali tal-Imdina u taċ-Ċittadella huma ddedikati lil Santa Marija. | |
| 8. | Fit-tlett ibliet insibu bini storiku. | |
| 9. | Minn dawn it-tlett ibliet, il-Birgu biss jinsab fil-Port il-Kbir. | |
| 10. | Il-Kavallieri bnew il-bereġ tagħhom fit-tlett ibliet. | |

(10 X 1 marka = 10 marki)

**Ċ. Aqta' sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. F'kull belt u raħal insibu (ċimiterju, knisja, għolja).

2. L-ibliet u l-irħula huma mmexxija minn (pulizija apposta, Kunsill Lokali, gwardjani lokali).

3. F'xi rħula antiki nsibu toroq dojoq li ma jinfdux. Dawn jissejħu (high-ways, by-passes, sqaqien). Insibu wkoll diversi (niċeċ u statwi, discos, barrieri)

4. Ħafna djar antiki fl-irħula jkollhom (saqaf, faċċata, galleriji) tal-injam.

5. Fost oħrajn viċin il-Knisja jew fil-pjazez tal-irħula ssib (każini u bars, ground tal-futbol, għelieqi)

(6 X 1 marka = 6 marki)

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**D. Imla l-vojt ta' dan il-paragrafu bil-kliem mogħti fit-tabella. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju.**

| ***Mediterran** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| xita | sħuna | Settembru | temperatura | forza |
| Majjistral | żero | irjieħ | Xlokk | sajf |

Il-gżejjer Maltin jinsabu f'nofs il-Baħar ***Mediterran** u għalhekk ngħidu li l-klima tagħna hi Mediterranja, jiġifieri tixbah lill-klima ta' pajjiżi oħra madwar il-Baħar Mediterran u gżejjer oħra li hemm fih. Dawn il-pajjiżi għandhom ____________ sħun, xitwa moderata, ___________ fix-xitwa u nixfa fis-sajf.

L- _______________ li jonfħu fuq il-gżejjer Maltin ikunu mgħobbija bl-ilma. Meta dawn l-irjieħ isibu temperatura ______________, l-ilma jżommuh iżda meta l-irjieħ jiltaqgħu ma' temperatura kiesħa, l-ilma ma jifilħuhx u tinżel ix-xita. Din hi r-raġuni għaliex fis-sajf ma jkollniex xita u fix-xitwa bil-kontra. Riħ li l-aktar li jolqot il-gżejjer tagħna huwa l-__________________ li jkun kiesaħ wisq fix-xitwa iżda frisk fis-sajf. Meta jonfoħ fuqna l-Grigal, jaħbat fuqna b' _____________ qawwija u riħ isfel bħax- __________________ iġibilna ramel u umdità.

Ix-xita f'Malta tinżel l-aktar bejn _______________ u April. L-ammont ta' xita li tinżel f'Malta tvarja minn sena għal sena. It- _______________ f'pajjiżna hi waħda moderata. Fix-xitwa l-arja tiksaħ sew imma qatt ma tinżel _____________ jew taħtha.

(10 X 1 marka = 10 marki)

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**E.** **Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B. L-ewwel waħda mogħtija bħala eżempju.**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| **0** | **L-Uffiċċju Meteoroloġiku** | | permezz tar-radju, televixin, kompjuter u gazzetti. |
| 1 | L-Uffiċċju Meteoroloġiku | | tinġabar permezz ta' satellita. |
| 2 | Wieħed jista' jkun jaf dwar ir-rapport tat-temp | | tingħata informazzjoni dwar it-temperatura tal-arja u tal-baħar. |
| 3 | It-tbassir tat-temp | | ikunu perikolożi meta jaqbżu l-indiċi 6. |
| 4 | L-informazzjoni fl-Uffiċċju Meteoroloġiku | | nsejħulu riefnu. |
| 5 | Ir-raġġi UV | **0** | **jinsab fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.** |
| 6 | Fir-rapport tat-temp | | jkollna l-bnazzi. |
| 7 | Il-barometru huwa strument | | jurina d-direzzjoni tar-riħ. |
| 8 | Meta l-pressjoni tal-arja tkun għolja | | jagħtina rapport dettaljat tat-temp ta' kull ġurnata. |
| 9 | Il-pinnur | | li jkejjel il-pressjoni tal-arja. |
| 10 | Meta r-riħ ikun Forza 8 | | jagħti informazzjoni dwar kif se jkun it-temp fil-ġranet li ġejjin. |

(10 X 1 marka = 10 marki)

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**F.** **Riħ qawwi ħakem lill-Gżejjer Maltin. Ħares sew lejn l-istampi u wieġeb il-mistoqsijiet.**

| Stampa A | Stampa B |
|---|---|
|  |  |

1. Għid x'qed jiġri fl-istampi t'hawn fuq:

Stampa A: __________________________________________

Stampa B: __________________________________________

2. Semmi żewġ ħsarat li jista' jagħmel riħ qawwi.

__________________________________________

__________________________________________

3. Riħ qawwi jagħmel ħafna ħsara. Semmi eżempju marbut mat-temp li jagħmel ħafna ħsara u jpoġġi l-ħajja tan-nies fil-periklu.

__________________________________________

__________________________________________

__________________________________________

(3 X 2 marki = 6 marki)

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**Ġ. Dan ir-ritratt qed juri qasma fil-blat. Din il-qasma seħħet b'terremot. Issa wieġeb kif mitlub:**



1. Spjega fil-qosor kif jiġi kif jiġi kkawżat terremot.

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

(2 marki)

2. Semmi 3 effetti ta' terremot.

- ______________________________________
- ______________________________________
- ______________________________________

(3 marki)

3. Terremot jista' jsir fil-baħar ukoll. X'jissejjaħ? ______________

(1 marka)

4. Terremot fil-baħar jaf jikkaġuna **tsunami.** Spjega fil-qosor xi jkun tsunami.

______________________________________

______________________________________

(2 marki)

5. Fl-1693, f'Malta inħass terremot qawwi. Xi ħsara ġab miegħu dan it-terremot?

______________________________________

______________________________________

(2 marki)

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com



**G.** **Diane siefret mal-familja tagħha u għamlet jumejn fid-deżert Sahara. Ġabet xi ritratti magħha. Waqt li qed tgħid l-esperjenza tagħha xi kliem tgerfxu. Irranġa l-kliem ta' ġol-parentesi.**

Meta konna fid-deżert rajt ħafna ramel. Kull fejn bdejt inħares, nara ramel u ramel. Ħassejna ______________ (a a ħ s n) kbira mal-ġurnata u kesħa fina bil-lejl. Ivvjaġġajna b'modi differenti fid-deżert. Użajna l-*jeeps*, muturi apposta tar-ramel u kien hemm postijiet fejn kellna nirkbu l-_________________ (i m l ġ a ). Il-gwidi ramawlna ______________ (d n i e t) fejn stajna norqdu għal-lejl wieħed. Fil-għodu qomna kmieni biex naraw ix-xemx tielgħa. Xi ġmiel!! Waqt li konna ħdejn oażi biex nistrieħu, rajt ___________ (p r s e). Il-gwidi qalulna li f'dawn il-postijiet skarsi fid-deżert fejn wieħed isib l-ilma jikbru xi _____________ (ġ i s r a) tal-palm u tat-tamar u jkun hemm xi annimali li jafu jkunu perikolużi bħal skorpjuni u volpijiet. Bir-riħ ir-ramel kien qisu bħal baħar jiċċaqlaq u jifforma ____________________ (j i t e għ l o). Din l-esperjenza żgur li mhux se ninsiha qatt, mhux biss għax ħadt gost, imma għax tgħallimt ħafna.

(6 X 1 marka = 6 marki)

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com



**GĦ. Imla l-vojt f'dan id-djalogu. Uża l-kliem li hawn fit-tabella t'hawn taħt. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Gonsalvo Monroy | 30,000 fjorin | Alfonsu | Dun Katald |
| Donna Costanza | 20,000 fjorin | Sqallija | Birgu |
| ~~Antonio Cardona~~ | Sant'Anġlu | taxxi | |

Malti 1: Min kien dak is-sinjur li xtara lil Malta mingħand ***Antonio Cardona**?

Malti 2: Kien ______________________. L-uniku interess tiegħu kien li jsir sinjur minn fuq il-Maltin.

Malti 1: X'kien jisimha l-mara ta' dan is-sinjur?

Malti 2: Kien jisimha __________________. Lil din, il-Maltin qafluha fil-kastell ______________________ fil-___________________ meta l-Maltin qamu kontra dan is-sinjur.

Malti 1: Għaliex ġara hekk?

Malti 2: Il-Maltin ħassew li kien qed jimxi ħażin magħhom u kellhom iħallsu ħafna ____________________. Riedu jifdu lil Malta. Dun Girgor u ___________________ marru ___________________ u talbu lis-Sultan ___________________ biex jgħaqqad il-gżejjer Maltin ma' Sqallija. Qalulu li kienu lesti jħallsu l-flus lura lil Monroy biex jifdu lil Malta.

Malti 1: Kemm kellhom jiġbru flus biex jifdu lil Malta?

Malti 2: _________________________. Fil-fatt il-Maltin ġabru biss _________________________. Biss, meta Monroy kien qed imut, huwa ħafer lill-Maltin il-flus li kien għad baqgħalhom jagħtuh. (10 X 1 marka = 10 marki)

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com



**H. Meta nkunu fi grupp irridu naħdmu biex l-għaqda bejnietna tikber u tissaħħaħ. Agħmel √ ħdejn kull sentenza li turi li t-tfal jaħdmu biex il-grupp tagħhom jikber. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju.**

| | | |
|---|---|---|
| **0.** | **Mark juri rispett lejn sħabu tal-grupp.** | √ |
| 1. | Linda dejjem tasal tard għal-laqgħat li jkollha mal-grupp. | |
| 2. | Kif xi ħadd ma jaqbilx miegħu, David jitlaq ’il barra. | |
| 3. | Ruth titkellem bil-prudenza meta ma taqbilx mal-bqija tal-membri. | |
| 4. | Samuel jattendi biss meta jkun hemm xi attività bħal *camping* jew *hike.* | |
| 5. | Alison tagħti l-għajnuna lill-membri tal-grupp meta ma jkunux jafu jagħmlu xi ħaġa waħidhom. | |
| 6. | Kevin jagħraf x’hemm komuni fil-membri u joħroġ b’ideat li jinteressaw lil kull membru. | |
| 7. | Joseph dejjem ikun minn tal-ewwel biex jagħti daqqa t’id waqt xi attività. | |
| 8. | Lucy ma titkellimx waqt il-laqgħat tal-grupp imbagħad toqgħod tgerger minn wara. | |
| 9. | Stephen jattendi għal-laqgħat kollha għax ikun irid jaf x’qed isir. | |
| 10. | Tony jaħdem ħafna fil-grupp imma meta ma tgħaddix tiegħu jhedded lill-membri li mhux se jaħdem aktar magħhom u jingħaqad fi grupp ieħor. | |

(10X ½ marka = 5 marki)



www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**Ħ. Ir-rwol tagħna fis-soċjetà huwa marbut ma’ rwoli ta’ nies oħra fil-lokalità. Għid min huma dawn in-nies. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju:**

| | | |
|---|---|---|
| **0.** | **Nedukak billi ngħallmek taqra u tikteb.** | **Għalliem** |
| 1. | Immexxi l-Kunsill Lokali. | |
| 2. | Niġi l-iskola nagħtik it-titqibiet neċċessarji kontra l-mard. | |
| 3. | Inwassallek ir-riżultati tal-eżamijiet id-dar. | |
| 4. | Meta tiġi l-librerija ngħinek tagħżel kotba addattati għalik. | |
| 5. | Inżomm l-ordni fil-pajjiż. | |
| 6. | Niġi niknes it-triq fejn toqgħod. | |
| 7. | Narak meta tkun ma tiflaħx u nagħmillek ċertifikat biex tieħdu miegħek l-iskola. | |

( 7X 1 marka = 7 marki)









www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**I. Ikteb żewġ eżempji. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju.**

0. Semmi żewġ modi kif Sonya tista' tikkomunika mal-kuġina tal-Awstralja.

**(i) Permezz tat-telefon.**

**(ii) Permezz tal-kompjuter.**



1. Semmi ż-żewġ lingwi uffiċċjali tal-Poplu Malti.

(i) ______________________________

(ii) ______________________________

2. Semmi żewġ affarijiet li kull pajjiż Ewropew għandu jkollu sabiex iħares id-drittijiet taċ-ċittadini tiegħu.

(i) ______________________________

(ii) ______________________________

3. Semmi żewġ programmi edukattivi li ħolqot l-Unjoni Ewropea biex fihom jipparteċipaw studenti minn pajjiżi differenti.

(i) ______________________________

(ii) ______________________________

4. Semmi żewġ modi kif il-Maltin juru solidarjetà ma' nies ta' pajjiżi oħra fid-dinja.

(i) ______________________________

(ii) ______________________________

5. Semmi żewġ affarijiet li jagħmlu parti mill-Kultura Maltija.

(i) ______________________________

(ii) ______________________________

(5 X 2 marki = 10 marki)

TMIEM IL-KARTA

---

www.StudentBounty.com